# IL-ĠIFEN TORK

(TA' Ġ. A. VASSALLO)

X'uħud jaħsbu illi 'l hemm mill-1920 ma' nsibux xogħolijiet letterarji sbieħ bil-Malti. Il-għaliex, kif jaħsbu dawna, qabel dik is-sena ħadd qatt ma kiteb bi ħjiel letterarju. Għalihom il-letteratura Maltija mhix għajr dik il-kitba miktuba bl-ortografija tal-"Għaqda" mill-1924 'l hawn. Dan kollu ġej minn ħaġa waħda biss: għaliex qiesu ħaġa waħda l-Ilsien bħala lsien fih in-nifsu u l-ortografija u insew illi mhix l-ortografija li toħloq il-letteratura. F'din il-biċċa l-ortografija hi l-inqas ħaġa. Ara kemm hu hekk, illi l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" waqqfet l-Alfabet Malti meta rat illi "il-lum (1924) m'aħniex neqsin minn kittieba tajba li taw lill-ilsien Malti xeħta tal-lsien miktub, kif jixraq lill-poplu magħruf fil-kitba tiegħu"; imma b'dana kollu "ma nistgħu qatt ingħidu li għandna kitba tagħna". Il-barranin kienu jgħajruna mhux għax m'għandniex kitba tajba imma għax mitt ktieb—mitt ortografija." (Tagħrif Fuq il-Kitba Maltija 1924).

Il-qawma biex il-Malti jieħu sura letterarja bdiet fl-1790 meta M. A. Vassalli tebagħ għall-ewwel darba l-istudju tiegħu *L'Alfabeto Maltese spiegato in lingua Maltese ed Italiana* Vassalli sofra minn kollox u ma qatax qalbu għax kien jaf illi xeħet żerriegħa tajba f'art għammiela. Xegħlu bl-istess ħsieb kittieba oħra, dehnin mhux anqas minnu, u b'kitbithom, min bi proża min b'poeżija, oħrajn bi studji filoloġiċi u grammatikali kollha għenu biex isaħħu, iqawwu f'qalb il-Maltin ħuthom dik ix-xrara ta' mħabba lejn dak kollu li hu Malti. Jekk il-lum inwarrbu fil-ġenb il-kitba ta' dawn, inkunu qegħdin inġenbu l-istorja tal-Malti meta, biex ngħid hekk, kien għadu tarbija. Jekk niflu dawn ix-xogħlijiet naraw kif fid-dinja xejn m'hawn ġdid. Naraw illi l-Malti fl-isvilupp tiegħu mexa fuq l-istess triq li fuqha mxew ilsna oħra li kienu mċerċra u mċewlħa iktar minn ilsienna.

Vassalli, wara li kiteb u ħareġ ix-xogħol tiegħu filoloġiku u grammatikali u wera bi provi l-aktar ċari is-setgħat moħbija tal-Malti, qaleb bil-Malti mill-Franċiż is "Sultan Ċiru." F'dan il ktieb, għalkemm il-proża hi ftit jew wisq imqanżħa u mġebbda-—ħaġa illi tiġri tista' tgħid fil-biċċa l-kbira tat-traduzzjonijiet

f'ilsna iktar imfawma minn tagħna—Vassalli wettaq kull ma kien wera qabel. Ħafna oħra mxew fuq l-eżempju ta' Vassalli w bdew jiktbu bil-Malti. Fost dawn insemmu lil Peppu Cannolo li qaleb fil-Malti "Il-Liġi l-Qadima tal-Kitba Mqaddsa" "Tommaso da Kempis" u "L-Vanġelu ta' S. Ġwann" U nibqgħu sejrin hekk sakemm niltaqgħu ma' Ludovik Mifsud Tommasi li qaleb bil-Malti l-Inni Mqaddsa, li fihom wera li bil-Malti nistgħu nogħlew 'il fuq. F'din il-ħabta wkoll niltaqgħu mal-Professur Ġ. A. Vassallo.

Għalkemm f'dan iż-żmien li qed insemmu kien hemm xi ħsieb biex it-tfal ta' l-iskola jitgħallmu bl-għajnuna tal-Malti, b'dana kollu ma naħsbux illi ma kienx hemm egħdewwa—Donnu hekk miktub—. Imma Vassallo, bniedem għaqli u dehni ma qagħadx iħabbel rasu u jaħli żmienu fl-argumenti. Ried iwieġeb bis-skiet. Qabad il-pinna u nxteħet biex jikteb u jdejjem dik il-poeżija li kellu misrura ġo qalbu u beda jikteb bil-Malti

"Fuq xi ħwejjeġ li ġraw fiż-żmien li għadda
Illi jinkitbu qalbi dejjem xtieqet."

Vassallo, fost xogħol ieħor fl-1852 ħareġ b'biċċa li qabel qatt ma dehret fil-Malti. Fettillu jikteb Epika Maltija. Ma nagħmlux ħażin jekk ngħidu xi ħaġa fuq l-Epika.

L-Epika, fit-tifsira l-iktar wiesgħa tal-kelma, hi dik il-fergħa tal-poeżija li tfaħħar il-ġrajjiet kbar ta' l-imgħoddi. Fil-pajjiżi kollha ssib xi ġrajjiet kbar li ma naqsux li jixegħlu l-qalb safja u mlebilba ta' xi poeta biex tgħanni. Omeru ħareġ bl-"Odissea" u bl-"Ilijade", Virġilju bl-"Eneide". Wara dawn insibu oħrajn, fosthom l-Ariosto li, billi ma sabx xi ħaġa 'Epika' fi ġrajjiet pajjiżu dar fuq suġġett barrani. Vassallo ma qagħdx jaqleb fil-Malti, xi epika minn ilsna oħra, bħal ma għamlu t-Trovatori Veneżjani fis-seklu tlettax u bħal ma għamel Titus Andronicus fil-bidu tal-letteratura latina, imma dar fuq l-istorja tagħna li, mimlija b'għadd kbir ta' ġrajjiet tal-għaġeb li bihom il-Greċja Qadima kieku kienet tiftaħar iktar milli ftaħret bit-tlett mija tat-Termopoli. Għażel suġġett Malti bħalma Naevius, li kien joqtol għal-Latin, biex jibni l-ewwel epika Latina, għażel suġġett Ruman sa ruħ ommu. Mela din l-epika ta' Vassallo hi ta' siwi li ma jitqiesx.

K. Sant

*(Jissokta)*